MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2006

Appell Kriminali Numru. 276/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Keith Pace**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Keith Pace talli fit-22 ta' Frar 2005, ghall-habta ta' 18.20 p.m. gewwa l-Marsa, kif ukoll fit-12 ta' Marzu 2005 ghall-habta ta' 00.40 a.m. gewwa l-fond 49, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, hebb ghal Lucienne Pace sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor, kif ukoll ikkagunalha griehi ta'

natura hafifa skond kif iccertifikaw Dr. A. Cordina M.D. u Dr. P. Calleja M.D. mic- Centru tas-Sahha tal-Furjana;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Settembru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Keith Pace hati ta' l-imputazzjonijiet dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghal gimgha detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Keith Pace pprezentat fis-7 ta’ Ottubru 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni htija w piena, jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tinfliggi piena aktar gusta u ekwa ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi fis-seduta tallum stess il-parti leza, u cioe` Lucienne Pace, iddikjarat bla tlaqliq ta' xejn illi hija qieghda tahfer lill-appellant.

F'dawn ic-cirkostanzi ghaldaqstant, stante r-rinunzja ghall-azzjoni kriminali da parti tal-kwerelanti stess;

Tiddeciedi billi tirrevoka s-sentenza appellata u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-appell.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------